# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Ali Ahmed Lano SALEH**

**Ammissjoni Nru: 2/2019**

**Illum 28 ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-akkuzat **Ali Ahmed Lano SALEH**, ta' 28 sena, imwieled f'Sebħa fil-Libja fit-30 ta' Lulju 1988 u detentur tal-passaport Libjan bin-numru 348477 li ġie akkuzat talli:

1. nhar it-23 ta' Dicembru 2016, f'xi hin bejn id-disgha ta' filghodu (09:00hrs) u l-erbgha ta' wara Nofsinhar 16:00hrs), abbord l-ajruplan Airbus A320 tal-linja ta' l-ajru Afriqiyah Airlines, bin-numru ta' registrazzjoni 5AONB (numru tat-titjira 8 U 0209 / AA W2(9), xjentement, bil-ghan illi gravement jintimida popolazzjoni, indebitament gieghel lil xi Gvern jew organizzazzjoni internazzjonali li jwettqu jew jastjenu milli jwettqu xi att, u gravement jiddestabilizzaw jew jiddistruggu l-istruttturi fondamentali politici, kostituzzjonali, ekonomici jew socjali tal-pajjiz jew organizzazzjoni internazzjonali, htaftu l-istess ingenju ta l-ajru cioe' l-ajruplan Airbus A320 tal-linja ta' l-ajru Afriqiyah Airlines, bin-numru ta' registrazzjoni 5AONB (numru tat-titjira 8U 0209 / AA W209), u dan bi ksur ta Art. 328A(1)(a)(b)(c)(2e)(3)(4)(b)(c)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi abbord l-ajruplan Airbus A320 tal-linja ta' l-ajru Afriqiyah Airlines, bin-numru ta' registrazzjoni 5AONB (numru tat-titjira 8U 0209 / AAW209), u kien qieghed jaghmel servizz, illegalment, bil-forza jew b'theddida ta' forza jew bl-isfurzar jew bi kwalunke forma ohra ta' intimidazzjoni jew bi kwalunkwe mezz teknologiku, ha f'idejh jew ezercita kontroll ta' dak l-ajruplan,

hedded li jwettaq kwalunkwe att imsemmi aktar qabel jew ikkawza illegalment li persuna ohra tircievi dik it-theddida, organizza jew idderiga lil haddiehor biex iwettaq reat imsemmi qabel, u dan bi ksur tal-Art. 12(1)(a)(b)(c)(2), 15(1)(2)(b) tal-Kap. 353 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, illegalment u bi hsieb ghamel att ta' vjolenza kontra persuna abbord ajruplan Airbus A320 tal-linja ta' l-ajru Afriqiyah Airlines, bin-numru ta' registrazzjoni 5AONB (numru tat-titjira 8U 0209 / AA W209), f'titjira li tista' tipperikola s-sigurezza ta' dak l-ajruplan u dan bi ksur ta' l-Art 19(1)(a) tal-Kap 353 tal-Ligijiet ta ' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi minghajr awtorita' legittima jew skuza ragonevoli, fuq ajruplan Airbus A320 tal-linja ta' l-ajru Afriqiyah Airlines, bin-numru ta' registrazzjoni 5AONB (numru tat-titjira 8U 0209 / AA W209), meta dawn kienu gewwa Malta jew kienu qeghdin itiru fuq Malta, jew f’xi parti tal-ajruport f’Malta, kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar jew oggett li jkollu xehta ta’ arma tan-nar, sew jekk din tkun tista tigi sparata jew le, kull esplossiv, kull oggett manifatturat jew adattat (sew fl-ghamla ta xi bomba, granata jew xort'ohra) b'mod li jkollha x-xehta ta' esploziv, sew jekk dan ikunjistajipproduci effett prattiku bi spluzjoni sew jekk le, jew kull oggett li jkollu marka jew tikketta li tindika li jkun, jew li jkun fih, esplossiv u dan bi ksur tal- Art 25(1)(b)(c)(2)(3)(4) tal-Kap 405 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel reat kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju -involuntarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew filwaqt li kien qieghed jigi arrestat ghal delitt, kellu fil-pussess tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta dawk l-oggetti u dan bi ksur ta Art 55(a)(b) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk iffirmata bl-isem tieghu jew b'isem mahluq, hedded lill-Kaptan ta l-ajruplan Airbus A320 tal-linja ta' l-ajru Afriqiyah Airlines, bin-numru ta' registrazzjoni 5AONB (numru tat-titjira 8U 0209 / AA W209) ALI MOHAMED MILAD DHAW, First Officer MOHAMED H.M. JUBRAN, SAMEH B. ALFITURI, AIMEN A. ALI BURAGIGA, Mrs. FATMA AB. GDOURAT, Mr. EMAN MOHAMED TA WERGHI, u l-passiggieri Mr ABDALGADER JOUDA, Mr ABDALSALAM MOHAMED, ABDELRAHM ALHARARI, Mr ABDULKARIM ABDULWAHAB, Mr ABDULLAH ABUADI, Mr ABDULLAH AHMED BARKA, Mr ABDULLAH OUMALSAAD MOHAMED, Mr ABDUSSALAM AL TEJARI, Mr ABOBAKER ZAKRIA OMAR, Mr ABUNWARA IBRAHIM, Mr ABUSALAH TALIB, Mr AHMED ABDELRHMAN ABDULLAH, Mr AHMED SAIFALDIN IMHEMED, Mr AHMED SEBANI, Mr AISSA KHALIFA, Mr ALI ABDUSSALAM, Mr ALI AHMED ABDELRHMAN, Mrs ALI HANAWA MEFTAH, Mr ALI MAJED, Mr ALI MOHAMED AMBYA, Mr ALI OMAR SULIMAN, Mr ALNEMER AESA ALZAROUG, Mr ALSUGHAIR RASHEED, Mr ALTAHER AHMEED, Mr ALTAHER ARFAT BASHEER, Mr ALZHRA ALAMEEN, Mr ALZY ANI ZAKARIA, Mr ANIES MANSOUR, Mr ANWAR ABDULSALAM ATEYA, Mr AOTMAN EMBARKA, Mr AQIL MUSTAFA OMER, Mr ASEEL AHMED SALEH, Mrs ASMAA MOHAMED ALI, Mr ASUR ALI, Mr SAZIZA ABDALMAJED, Mr BASHIR AUMASAAD, Mr BUSARI ISIMAHILA FEMI, Mr DAKHIL ABDULLAH ALL, Mrs DAKHIL AISHA ALI, MRS DAKHIL FATHIA ALI, MRS DAKHIL HAWA ALI, MRS DOUNY A FA THI ALI, Mr EDRIS HAMD ARHIM MOHAMED, Mr EISAY MAHMOUD, EMAN ABDALSLAM CHD, Mrs EMHMED MABROUKA RMDAN, Mr ESMAIL MOFTAH, Mr FADEL MUHAGER, Mrs FATMA ALI, Mr GHAIDI MOHAMED, Mr GOUMA SALAH, Mr GUDAB AHMED, Mr HAMADE ALI, Mr HAMZA SALIM AHMED, MRS HANYA KHALEFA, Mr HASSAN MOHAMED ALMAHDI,

HOUDA ASALHIN ABDULBARE MS, Mr HUSSAIN GULFAM, Mr IBRAHIM AHMED ALI, Mr IBRAHIM ATMUNA, IBRAHIM BASHIR M, Mrs IMHEMED RUQAIYA SALIH, MRS KAWTAR AMER, SANA SALEM, Mrs KERUA ELHARARI, Mrs KHADIJA MOHAMMED, Mr KHALID BERKA, Mr KHALID OMAR, Mrs KHARMA RANIA, MRS KLTOM ALHARARI, MRS MABROUKA ALJELNE, Mr MAHMUD ABDULLAH, Mr MAJED MOHAMED, Mr MILOD IMHEMED ABDULLA, Mr MOATAZ ABDULA TI, MR MOFT AH ABAS, Mr MOHAMED ABOUAJILA, Mrs MOHAMED AISHA HAMOUD, Mr MOHAMED ALI ALSNOUSI, Mr MOHAMED DHIAB ALI, MR MOHAMED EMHMED ABDALNABI, MR MOHAMED MUSA, Mr MOHAMED OWAFI, Mr MOHAMED SALAH, Mr MOUFTAH MOHAMED, Mr OMALSAAD MOUSTAFA ALSNOUSI, Mr OTHMAN JBRIL SALEH, Mrs RABY AA IBRAHIM, Mrs RAHMA ABDALMAJED, Mr SAAID AHMED, Mr SALAM AIELI, Mr SALAM MOHAMED, Mr SALEH MOHAMED ALI, Mr SALEM ALI IBRAHIM, SALEM HASAN AHMED ALSHAREF, Mr SALEM MOHAMED, Mr SALIH SALIH IMHEMED, Mrs SEEDA SALAH, Mr SHOUKRI ALI, Mrs SHUHA KANTAFU, Mrs SOYLMA ALI, Mr T AJEDEN EMHEMED, Mr TWA TI ALI, Mrs WEDAD ALI, Mr Y ASIN KASEM, Mr YOUSEF ALI, Mrs ZAHRA KHALIF A, Mrs ZENAB MOHAMED, Mrs ZENAB SALEH b'xi delitt, kif ukoll flimkien mat-theddid tajt ordni jew kondizzjoni u dan bi ksur tal-Art 249(1)(2) ta’ Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna bizgha li se tintuza vjolenza kontra l-Kaptan tal-ajruplan Airbus A320 tal-linja ta' l-ajru Afriqiyah Airlines, bin-numru ta' registrazzjoni 5AONB (numru tat-titjira 8U 0209 / AA W209) ALI MOHAMED MILAD DHAW, First Officer MOHAMED H.M. JUBRAN, SAMEH B. ALFITURI, AIMEN A. ALI BURAGIGA, Mrs. FATMA AB. GDOURAT, Mr. EMAN MOHAMED TA WERGHI, u l-passiggieri Mr ABDALGADER JOUDA, Mr ABDALSALAM MOHAMED, ABDELRAHM ALHARARI, Mr ABDULKARIM ABDULWAHAB, Mr ABDULLAH ABUADI, Mr ABDULLAH AHMED BARKA, Mr ABDULLAH OUMALSAAD MOHAMED, Mr ABDUSSALAM AL TEJARI, Mr ABOBAKER ZAKRIA OMAR, Mr ABUNWARA IBRAHIM, Mr ABUSALAH TALIB, Mr AHMED ABDELRHMAN ABDULLAH, Mr AHMED SAIFALDIN IMHEMED, Mr AHMED SEBANI, Mr AISSA KHALIFA, Mr ALI ABDUSSALAM, Mr ALI AHMED ABDELRHMAN, Mrs ALI HANAWA MEFTAH, Mr ALI MAJED, Mr ALI MOHAMED AMBYA, Mr ALI OMAR SULIMAN, Mr ALNEMER AESA ALZAROUG, Mr ALSUGHAIR RASHEED, Mr ALTAHER AHMEED, Mr ALTAHER ARFAT BASHEER, Mr ALZHRA ALAMEEN, Mr ALZY ANI ZAKARIA, Mr ANIES MANSOUR, Mr ANWAR ABDULSALAM ATEYA, Mr AOTMAN EMBARKA, Mr AQIL MUSTAFA OMER, Mr ASEEL AHMED SALEH, Mrs ASMAA MOHAMED ALI, Mr ASUR ALI, Mr SAZIZA ABDALMAJED, Mr BASHIR AUMASAAD, Mr BUSARI ISIMAHILA FEMI, Mr DAKHIL ABDULLAH ALL, Mrs DAKHIL AISHA ALI, MRS DAKHIL FATHIA ALI, MRS DAKHIL HAWA ALI, MRS DOUNY A FA THI ALI, Mr EDRIS HAMD ARHIM MOHAMED, Mr EISAY MAHMOUD, EMAN ABDALSLAM CHD, Mrs EMHMED MABROUKA RMDAN, Mr ESMAIL MOFTAH, Mr FADEL MUHAGER, Mrs FATMA ALI, Mr GHAIDI MOHAMED, Mr GOUMA SALAH, Mr GUDAB AHMED, Mr HAMADE ALI, Mr HAMZA SALIM AHMED, MRS HANYA KHALEFA, Mr HASSAN MOHAMED ALMAHDI, HOUDA ASALHIN ABDULBARE MS, Mr HUSSAIN GULFAM, Mr IBRAHIM AHMED ALI, Mr IBRAHIM ATMUNA, IBRAHIM BASHIR M, Mrs IMHEMED RUQAIYA SALIH, MRS KAWTAR AMER, SANA SALEM, Mrs KERUA ELHARARI, Mrs KHADIJA MOHAMMED, Mr KHALID BERKA, Mr KHALID OMAR, Mrs KHARMA RANIA, MRS KLTOM ALHARARI, MRS MABROUKA ALJELNE, Mr MAHMUD ABDULLAH, Mr MAJED MOHAMED, Mr MILOD IMHEMED ABDULLA, Mr MOATAZ ABDULA TI, MR MOFT AH ABAS, Mr MOHAMED ABOUAJILA, Mrs MOHAMED AISHA HAMOUD, Mr MOHAMED ALI ALSNOUSI, Mr MOHAMED DHIAB ALI, MR MOHAMED EMHMED ABDALNABI, MR MOHAMED MUSA, Mr

MOHAMED OWAFI, Mr MOHAMED SALAH, Mr MOUFTAH MOHAMED, Mr OMALSAAD MOUSTAFA ALSNOUSI, Mr OTHMAN JBRIL SALEH, Mrs RABY AA IBRAHIM, Mrs RAHMA ABDALMAJED, Mr SAAID AHMED, Mr SALAM AIELI, Mr SALAM MOHAMED, Mr SALEH MOHAMED ALI, Mr SALEM ALI IBRAHIM, SALEM HASAN AHMED ALSHAREF, Mr SALEM MOHAMED, Mr SALIH SALIH IMHEMED, Mrs SEEDA SALAH, Mr SHOUKRI ALI, Mrs SHUHA KANTAFU, Mrs SOYLMA ALI, Mr T AJEDEN EMHEMED, Mr TWATI ALI, Mrs WEDAD ALI, Mr Y ASIN KASEM, Mr YOUSEF ALI, Mrs ZAHRA KHALIF A, Mrs ZENAB MOHAMED, Mrs ZENAB SALEH, jew kontra l-proprjeta taghhom, u dan bi ksur ta Art 251B ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi minghajr ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra kif ukoll hedded bil-mewt lill- Kaptan ta l-ajruplan Airbus A320 tal-linja ta' l-ajru Afriqiyah Airlines, bin-numru ta' registrazzjoni 5AONB (numru tat-titjira 8U 0209 / AA W209) ALI MOHAMED MILAD DHAW, First Officer MOHAMED H.M. JUBRAN, SAMEH B. ALFITURI, AIMEN A. ALI BURAGIGA, Mrs. FATMA AB. GDOURAT, Mr. EMAN MOHAMED TA WERGHI, u l-passiggieri Mr ABDALGADER JOUDA, Mr ABDALSALAM MOHAMED, ABDELRAHM ALHARARI, Mr ABDULKARIM ABDULWAHAB, Mr ABDULLAH ABUADI, Mr ABDULLAH AHMED BARKA, Mr ABDULLAH OUMALSAAD MOHAMED, Mr ABDUSSALAM AL TEJARI, Mr ABOBAKER ZAKRIA OMAR, Mr ABUNWARA IBRAHIM, Mr ABUSALAH TALIB, Mr AHMED ABDELRHMAN ABDULLAH, Mr AHMED SAIFALDIN IMHEMED, Mr AHMED SEBANI, Mr AISSA KHALIFA, Mr ALI ABDUSSALAM, Mr ALI AHMED ABDELRHMAN, Mrs ALI HANAWA MEFTAH, Mr ALI MAJED, Mr ALI MOHAMED AMBYA, Mr ALI OMAR SULIMAN, Mr ALNEMER AESA ALZAROUG, Mr ALSUGHAIR RASHEED, Mr ALTAHER AHMEED, Mr ALTAHER ARFAT BASHEER, Mr ALZHRA ALAMEEN, Mr ALZY ANI ZAKARIA, Mr ANIES MANSOUR, Mr ANWAR ABDULSALAM ATEYA, Mr AOTMAN EMBARKA, Mr AQIL MUSTAFA OMER, Mr ASEEL AHMED SALEH, Mrs ASMAA MOHAMED ALI, Mr ASUR ALI, Mr SAZIZA ABDALMAJED, Mr BASHIR AUMASAAD, Mr BUSARI ISIMAHILA FEMI, Mr DAKHIL ABDULLAH ALL, Mrs DAKHIL AISHA ALI, MRS DAKHIL FATHIA ALI, MRS DAKHIL HAWA ALI, MRS DOUNY A FA THI ALI, Mr EDRIS HAMD ARHIM MOHAMED, Mr EISAY MAHMOUD, EMAN ABDALSLAM CHD, Mrs EMHMED MABROUKA RMDAN, Mr ESMAIL MOFTAH, Mr FADEL MUHAGER, Mrs FATMA ALI, Mr GHAIDI MOHAMED, Mr GOUMA SALAH, Mr GUDAB AHMED, Mr HAMADE ALI, Mr HAMZA SALIM AHMED, MRS HANYA KHALEFA, Mr HASSAN MOHAMED ALMAHDI, HOUDA ASALHIN ABDULBARE MS, Mr HUSSAIN GULFAM, Mr IBRAHIM AHMED ALI, Mr IBRAHIM ATMUNA, IBRAHIM BASHIR M, Mrs IMHEMED RUQAIYA SALIH, MRS KAWTAR AMER, SANA SALEM, Mrs KERUA ELHARARI, Mrs KHADIJA MOHAMMED, Mr KHALID BERKA, Mr KHALID OMAR, Mrs KHARMA RANIA, MRS KLTOM ALHARARI, MRS MABROUKA ALJELNE, Mr MAHMUD ABDULLAH, Mr MAJED MOHAMED, Mr MILOD IMHEMED ABDULLA, Mr MOATAZ ABDULA TI, MR MOFT AH ABAS, Mr MOHAMED ABOUAJILA, Mrs MOHAMED AISHA HAMOUD, Mr MOHAMED ALI ALSNOUSI, Mr MOHAMED DHIAB ALI, MR MOHAMED EMHMED ABDALNABI, MR MOHAMED MUSA, Mr MOHAMED OWAFI, Mr MOHAMED SALAH, Mr MOUFTAH MOHAMED, Mr OMALSAAD MOUSTAFA ALSNOUSI, Mr OTHMAN JBRIL SALEH, Mrs RABY AA IBRAHIM, Mrs RAHMA ABDALMAJED, Mr SAAID AHMED, Mr SALAM AIELI, Mr SALAM MOHAMED, Mr SALEH MOHAMED ALI, Mr SALEM ALI IBRAHIM, SALEM HASAN AHMED ALSHAREF, Mr SALEM MOHAMED, Mr SALIH SALIH IMHEMED, Mrs SEEDA SALAH, Mr SHOUKRI ALI, Mrs SHUHA KANTAFU, Mrs SOYLMA ALI, Mr T AJEDEN EMHEMED, Mr TWA TI ALI, Mrs WEDAD ALI, Mr Y ASIN KASEM, Mr YOUSEF ALI, Mrs ZAHRA KHALIF

A, Mrs ZENAB MOHAMED, Mrs ZENAB SALEH u dan sabiex igieghel lil xi stat, organizzazzjoni governamentali internazzjonali jew persuna li taghmel jew tonqos milli taghmel xi ghemil, u dan bi ksur ta Art 86 u 87 (1)(c)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta.

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, kontra l-ligi u bil-forza ha lil xi persuni, u cioe' lil ALI MOHAMED MILAD DHAW, First Officer MOHAMED H.M. JUBRAN, SAMEH B. ALFITURI, AIMEN A. ALI BURAGIGA, Mrs. FATMA AB. GDOURAT, Mr. EMAN MOHAMED TA WERGHI, u l-passiggieri Mr ABDALGADER JOUDA, Mr ABDALSALAM MOHAMED, ABDELRAHM ALHARARI, Mr ABDULKARIM ABDULWAHAB, Mr ABDULLAH ABUADI, Mr ABDULLAH AHMED BARKA, Mr ABDULLAH OUMALSAAD MOHAMED, Mr ABDUSSALAM AL TEJARI, Mr ABOBAKER ZAKRIA OMAR, Mr ABUNWARA IBRAHIM, Mr ABUSALAH TALIB, Mr AHMED ABDELRHMAN ABDULLAH, Mr AHMED SAIFALDIN IMHEMED, Mr AHMED SEBANI, Mr AISSA KHALIFA, Mr ALI ABDUSSALAM, Mr ALI AHMED ABDELRHMAN, Mrs ALI HANAWA MEFTAH, Mr ALI MAJED, Mr ALI MOHAMED AMBYA, Mr ALI OMAR SULIMAN, Mr ALNEMER AESA ALZAROUG, Mr ALSUGHAIR RASHEED, Mr ALTAHER AHMEED, Mr ALTAHER ARFAT BASHEER, Mr ALZHRA ALAMEEN, Mr ALZY ANI ZAKARIA, Mr ANIES MANSOUR, Mr ANWAR ABDULSALAM ATEYA, Mr AOTMAN EMBARKA, Mr AQIL MUSTAFA OMER, Mr ASEEL AHMED SALEH, Mrs ASMAA MOHAMED ALI, Mr ASUR ALI, Mr SAZIZA ABDALMAJED, Mr BASHIR AUMASAAD, Mr BUSARI ISIMAHILA FEMI, Mr DAKHIL ABDULLAH ALL, Mrs DAKHIL AISHA ALI, MRS DAKHIL FATHIA ALI, MRS DAKHIL HAWA ALI, MRS DOUNY A FA THI ALI, Mr EDRIS HAMD ARHIM MOHAMED, Mr EISAY MAHMOUD, EMAN ABDALSLAM CHD, Mrs EMHMED MABROUKA RMDAN, Mr ESMAIL MOFTAH, Mr FADEL MUHAGER, Mrs FATMA ALI, Mr GHAIDI MOHAMED, Mr GOUMA SALAH, Mr GUDAB AHMED, Mr HAMADE ALI, Mr HAMZA SALIM AHMED, MRS HANYA KHALEFA, Mr HASSAN MOHAMED ALMAHDI, HOUDA ASALHIN ABDULBARE MS, Mr HUSSAIN GULFAM, Mr IBRAHIM AHMED ALI, Mr IBRAHIM ATMUNA, IBRAHIM BASHIR M, Mrs IMHEMED RUQAIYA SALIH, MRS KAWTAR AMER, SANA SALEM, Mrs KERUA ELHARARI, Mrs KHADIJA MOHAMMED, Mr KHALID BERKA, Mr KHALID OMAR, Mrs KHARMA RANIA, MRS KLTOM ALHARARI, MRS MABROUKA ALJELNE, Mr MAHMUD ABDULLAH, Mr MAJED MOHAMED, Mr MILOD IMHEMED ABDULLA, Mr MOATAZ ABDULA TI, MR MOFT AH ABAS, Mr MOHAMED ABOUAJILA, Mrs MOHAMED AISHA HAMOUD, Mr MOHAMED ALI ALSNOUSI, Mr MOHAMED DHIAB ALI, MR MOHAMED EMHMED ABDALNABI, MR MOHAMED MUSA, Mr MOHAMED OWAFI, Mr MOHAMED SALAH, Mr MOUFTAH MOHAMED, Mr OMALSAAD MOUSTAFA ALSNOUSI, Mr OTHMAN JBRIL SALEH, Mrs RABY AA IBRAHIM, Mrs RAHMA ABDALMAJED, Mr SAAID AHMED, Mr SALAM AIELI, Mr SALAM MOHAMED, Mr SALEH MOHAMED ALI, Mr SALEM ALI IBRAHIM, SALEM HASAN AHMED ALSHAREF, Mr SALEM MOHAMED, Mr SALIH SALIH IMHEMED, Mrs SEEDA SALAH, Mr SHOUKRI ALI, Mrs SHUHA KANTAFU, Mrs SOYLMA ALI, Mr T AJEDEN EMHEMED, Mr TWA TI ALI, Mrs WEDAD ALI, Mr Y ASIN KASEM, Mr YOUSEF ALI, Mrs ZAHRA KHALIF A, Mrs ZENAB MOHAMED, Mrs ZENAB SALEH f'pajjiz iehor, u dan bi ksur tal-Art 90 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-20 ta' Mejju 2019, fejn l-akkużat Ali Ahmed Lano SALEH ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu żmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni u dan wara li dik il-Qorti aderiet mar-rekwiżi kollha imsemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jesmond Pulis** deċiża nhar it-18 ta' Lulju 2017.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju, 2019 fejn iddikjara li ai termini tal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputat kien irreġistra l-ammissjoni fuq imsemmija, għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Ali Ahmed Lano SALEH, preżentat fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2019 fejn filwaqt li għamlu riferenza għall-ammissjoni reġistrata mill-imputat u għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali, konġuntement iddikjaraw li qablu u talbu lil din il-Qorti timponi fuq l-akkużat Ali Ahmed Lano SALEH il-piena ta' priġunerija effettiva għal perijodu ta' **għaxar (10) snin flimkien ma' multa ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500)**, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kaptitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess rikorrent Ali Ahmed Lano SALEH.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluż in-numru kbir ta' differimenti li din il-Qorti ikkonċediet lill-akkużat biex ikun jista' jifhem sew in-natura tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu kif ukoll sabiex ikun f'qagħda li jiddefendi lilu nnifsu tajjeb. Din il-Qorti tistqarr bla tlaqlieq li qatt ma kkonċediet numru daqshekk kbir ta' differimenti f'każijiet oħra. Iżda mill-banda l-oħra għamlet hekk f'dan il-każ sabiex tkun żgura li l-akkużat kien qiegħed jifhem sew dak li kien akkużat bih, kif ukoll il-portata ta' dan il-ftehim li ġie milħuq minnu u mill-Avukat Ġenerali kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta ġaladarba l-akkużat iddikjara ruħu ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat fir-rikors konġunt a fol 1134 kif speċifikat ulterjorment fid-dokument a fol 1161 tal-atti proċesswali.

Rat illi ai termini tal-istess rikors konġunt a fol 1134 il-partijiet qablu li **<u>l-akkużi maħruġa fil-konfront tal-akkużat f'dan il-każ</u>**, dato ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, kellhom jiġu kunsidrati bil-mod segwenti:

1. It-tielet, tminn u d-disa' akkuża ġew mogħtija bħala alternattivi għall-ewwel u t-tieni akkuża;

2. Dan huwa każ ta' terroriżmu u allura in kwantu tali l-partijiet ħadu bħala l-bażi tal-piena li għandha tiġi inflitta dik il-piena li hija stabbilita għar-reat ta' terroriżmu fil-minimum tiegħu, iżda miżjud minn terz sa nofs tal-minimum għar-reat imsemmi fit-tieni akkuża u dan fit-termini tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali;

3. Imbagħad ir-raba', ħames, sitt u seba' akkuża kellhom jiġu kunsidrati bħala mezz għall-fini sabiex ikun jistgħu jitwetqu l-ewwel u t-tieni akkuża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa minnu li f'dan il-każ, kif imsemmi mill-Avukat Ġenerali fin-nota li tinsab a fol 1132 tal-atti jirriżulta li l-ħati ammetta għall-akkużi kollha li ġew miġjuba kontra tiegħu indiskriminatament. Allura meta wieħed jara ammissjoni f'din il-forma jifhem li l-imputat kien qiegħed jammetti għar-reati kollha inkondizzjonatament u indistintament. U bħala regola hekk hu. Anzi, biex żgur il-Liġi tagħlaq it-toqob kollha, fl-artikolu 392B(6) tal-Kodiċi Kriminali tipprovdi li:

> minkejja xi dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ammissjoni magħmula u reġistrata skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma tkunx tista' tigi revokata jew irtirata.

Iżda wara li l-każ ġie riferut lil din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni speċifikat b'mod iżjed preċiż il-mod kif hija kienet qegħda tixli lill-imputat fis-sens illi waqt li kienet konċentrata fuq l-akkużi prinċipali ta' terroriżmu li jinkludi ħtif ta' ajruplan skont kif msemmija fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni, hija kienet qegħda taddebita t-tielet, tminn u d-disa' imputazzjoni bħala alternattivi għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet; filwaqt li kienet qegħda tikkonsidra r-

raba, ħames, sitt u s-seba’ imputazzjonijiet bħala mezz għall-fini biex ikunu jistgħu jitwetqu r-reati msemmija fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Għalkemm din l-ispeċifikazzjoni kien messha saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qabel ma l-imputat wieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li f’dan l-istadju inoltrat, wara li issa l-akkużat ingħata l-opportunita kollha biex jistħarreġ il-posizzjoni legali tiegħu għal xhur u snin sħaħ, huwa kien lest li jibqa’ jtenni l-ħtija tiegħu għar-reati addebitati lilu iżda skont kif speċifikati b’mod iżjed preċiż mill-Prosekuzzjoni fin-nota indikata a fol 1161 tal-atti.

Del resto l-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi l-possibilita li l-Avukat Ġenerali u l-Akkużat:

> jistgħu jitolbu lill-Qorti Kriminali li tapplika sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwantità miftiehma bejniethom u li dwarhom l-akkużat ikun jista’ jingħata sentenza.

B’hekk is-sanzjoni jew miżura li l-Avukat Ġenerali u l-akkużat qablu fuqha magħquda man-nota spjegattiva tirrifletti b’mod preċiż is-sitwazzjoni partikolari tar-responsabbilita kriminali tal-akkużat f’dan il-każ.

F’dan il-każ partikolari, dato l-mod kif żvolġew il-fatti u fid-dawl tan-natura tal-involviment u l-grad ta’ parteċipazzjoni tal-akkużat f’dawn ir-reati, stante li l-Qorti tqis li l-ftehim milħuq bejn l-Avukat Ġenerali u l-akkużat kif rifless fir-rikors konġunt tal-partijiet eżebit a fol 1134 u kif sorrett minn nota spjegattiva li tinsab a fol 1161 għandu jiġi mwettaq biex b’hekk il-Qorti tilqa’ t-talba konġunta aktar il-fuq imsemmija ai termini tal-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali.

# DECIDE

**Għaldaqstant, in vista tal-ammissjoni reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-20 ta’ Mejju 2019, u sussegwentement konfermata dakinhar stess din il-Qorti tiddikjara lil Ali Ahmed Lano SALEH ħati tal-ewwel, tieni, raba’, ħames, sitt u seba’ akkuża b’dan illi r-raba’, ħames, sitt u seba’ akkuża għandhom, fis-sensi tal-artikolu 17(h) tal-**

**Kodiċi Kriminali jitqiesu bħala mezz sabiex ikunu jistgħu jiġu mwettqa r-reati kontestati fl-ewwel u t-tieni akkuża.**

**Stante li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li t-tielet, tminn u disa' imputazzjonijiet <u>f'dan il-każ partikolari u kif żvolġew il-fatti f'dan il-każ</u> ġew addebitati lill-akkużat bħala akkużi alternattivi għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.**

**Illi kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti qieset kemm il-fedina penali tal-akkużat, kif ukoll il-fatt li huwa rreġistra ammissjoni fi stadju mhux bikri ħafna, iżda li kien għadu ma wassalx għall-ħruġ t'att t'akkuża kontra tiegħu. Il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għall-prinċipji imsemmija fis-sentenzi Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi,[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri,[2] Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa.[3] Qieset ukoll il-grad tar-responsabilita tal-ħati fil-fatt li żvolġew f'dan il-każ, nonche s-sentenza mogħtija fil-konfront ta' terz involut f'dan il-każ.**

# Għall-Motivi Premessi

**Wara li rat l-artikoli 86 u 87 (1)(c)(2), 90, 249(1)(2), 251B, u 328A(1)(a)(b)(c)(2e)(3)(4)(b)(c)(i) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 12(l)(a)(b)(c)(2), 15(1)(2)(b) u 19(1)(a) tal-Kapitolu 353 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 25(1)(b)(c)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 405 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-artikolu 55(a)(b) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tikkundanna lil Ali Ahmed Lano SALEH, ġja misjub ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, għall-piena ta'**

a. **<u>għaxar snin (10) priġunerija flimkien ma multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500);</u>**

b. **kif ukoll tikkundannah għall-ħlas tas-somma ta' erbat elef ħames mija wieħed u disgħin euro sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€4,591.57) rappreżentanti nofs it-total tal-ispejjeż (ammontanti**

[1] Deċiża mill-Qorti Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997.
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-17 ta' Lulju 2002.

**għal disat elef mija tlieta u tmenin euro u ħmistax il-ċenteżmu) inkorsi f'dan il-proċess u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Inoltre jekk l-ispejjeż ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi;**

c. **inoltre, wara li rat l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-arma tal-plastik b'numru 251, grenade falza imdawra b'tape aħmar u iswed u mgeżwra ġo karta kannella u lighter b'forma ta' pistola, li pero għandhom jibqgħu disponibbli u depożitati fir-Reġistru għall-fini ta' proċeduri kontra terzi jekk ikun il-każ;**

d. **barra minn hekk wara li rat l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-ħati jiġi projbit milli jkollu liċenza taħt l-istess Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' ħames snin millum;**

e. **u finalment tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**